# QORTI KOSTITUZZJONALI

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**
**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 5 ta' Ottubru 2018**

**Numru 6**

**Rikors numru 95/17 SM**

**Avukat Peter Caruana Galizia, Matthew Caruana Galizia, Andrew Caruana Galizia, u Paul Caruana Galizia**

**v.**

**i. Kummissarju tal-Pulizija,**

**ii. Avukat Generali, Ufficcju tal-Avukat Generali,**

**iii. Id-Deputat Kummissarju Silvio Valletta ghal kull interess li jista` jkollu,**

Preliminari

1. Dan huwa appell maghmul mill-intimati, mis-sentenza moghtija fit-12 ta' Gunju, 2018, [is-sentenza appellata], mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kompetenza kostituzzjonali taghha [l-ewwel Qorti], fejn dik il-Qorti

sabet li l-involviment attiv tal-intimat Deputat Kummissarju Silvio Valletta fl-investigazzjoni tal-qtil ta' Daphne Caruana Galizija, huwa vjolattiv tal-Artikolu 2 u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali [il-Konvenzjoni], u ordnat li l-istess Deputat Kummissarju jiddesisti milli jkompli b'xi mod jippartecipa fl-investigazzjonijiet relattivi u li *"kull att u decizjoni gja' mehuda mill-istess investigazzjonijiet de quo jigu ri-ezaminati mis-sostitut tal-istess [intimat].."*

Mertu

2. Illi r-rikorrenti appellati fethu dawn il-proceduri bil-ghan li jiksbu dikjarazzjoni gudizzjarja, li l-involviment tal intimat id-Deputat Kummissarju fl-investigazzjoni tal-qtil tal-gurnalista Daphne Caruana Galizia, kemm bhala ir-ragel ta' Ministru membru tal-Kabinett u li diversi drabi kien fil-mira ta' kitbiet tal-istess gurnalista, kif ukoll bhala membru tal-Korp ghall-Analizi ta' Informazzjoni Finanzjarja [F.I.A.U.], jikser id-drittijiet fondamentali ghal hajja u ghal smiegh xieraq kif protetti taht l-Artikolu 2 u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni. Ghaldaqstant talbu lill-ewwel Qorti sabiex taghti dawk ir-rimedji xierqa u opportuni fic-cirkostanzi, fosthom li l-imsemmi intimat ma jibqax jippartecipa fl-investigazzjoni tal-assassinju ta' Daphne Caruana Galizia u li kull att maghmul u decizjoni

mehuda minnu f'dik l-investigazzjoni tigi riveduta minn min jitqabbad minfloku; bl-ispejjez kontra l-intimati appellanti.

3. Fir-risposta taghhom, l-intimati eccepixxew (i) in-nuqqas ta' applikabbilita` tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni stante li f'dak l-istadju ma kienx hemm proceduri ghad-determinazzjoni ta' akkuza kriminali jew dritt jew obbligu civili izda biss inkjesta magisterjali; (ii) fil-mertu, ma kien hemm l-ebda ksur tal-Artikolu 2 tal-Konvenzjoni ghaliex l-investigazzjoni tad-delitt kienet qeghda ssir taht l-iskrutinju tal-Magistrat Inkwerenti u b'hekk hemm l-oggettivita` u l-imparzjalita` rikjesta mill-istess artikolu u, li (iii) ir-rikorrenti bhala l-familjarji tal-vittma kienu qeghdin jinghataw dik l-informazzjoni sal-limitu necessarju biex jigi rispettat l-Artikolu 2 tal-Konvenzjoni.

Is-Sentenza Appellata

4. L-ewwel Qorti waslet ghad-decizjoni taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "14.0. Illi fir-rigward tal-fatti kif esposti mill-partijiet fil-procedura odjerna, dawn jistghu jigu sintetikament elenkati bil-mod segwenti:
>
> > "14.1. Illi fis-16 t'Ottubru, 2017, giet assassinata Daphne Caruana Galazia, li kienet il-mara ta' Peter, wiehed mir-rikorrenti, u omm ta' Matthew, Andrew u Paul, ir-rikorrenti l-ohra, (ara foll 22);

“14.2. Illi sussegwentement infethet Inkjesta Magisterjali u fiha gew nominati, kif hi l-prassi u l-esigenza, numru ta’ esperti;

“14.3. Illi l-Pulizija lokali wkoll qed tikkonduci l-investigazzjonijiet taghha;

“14.4. Illi membri esperti ta’ forzi tal-ordni esteri qed jassisstu fl-operat tal-inkjesta u tal-investigazzjoni *de quo*;

“14.5. Illi fil-kapacita` tieghu ta’ Deputat Kummissarju, l-intimat Valletta hu responsabbli mill-investigazzjonijiet, (ara fol 62);

“14.6. Illi rizultat tar-responsabbilitajiet li jaqghu taht id-dikasteru tal-istess Deputat Kummissarju intimat, hu qieghed ukoll jippartecipa fl-investigazzjonijiet tal-assassinju fuq riferit, senjatament kemm dik kondotta mill-Pulizija kif ukoll dik kondotta mill-Magistrat Inkwirenti, (ara foll 62);

“14.7. Illi l-ilment tar-rikorrenti jikkoncerna proprju l-partecipazzjoni tad-Deputat Kummissarju *de quo*, fl-investigazzjonijiet in dizamina *stante* li:

“14.7.1. Bhala ir-ragel ta’ Ministru membru tal-Kabinett li kemm -il darba kienet il-mira ta’ kitbiet ta’ Daphne Caruana Galizia;

“14.7.2. Bhala membru tal-Korp ghall-Analisi ta’ Informazzjoni Finanzjarja, (komunement maghruf bl-akronimu *F.I.A.U.*), kemm -il darba kien ukoll il-mira ta’ kitbiet tal-istess Daphne Caruana Galizia;

“14.8. Illi r-rikorrenti ssosstnu li tali attenzjoni kif minnha mitfuha fuq l-imsemmija intimat u martu, twassal biex jemergu dubji serji fuq l-indipendenza u l-imparzjalita` fuq l-operat tad-Deputat Kummissarju in kwistjoni li timmina d-drittijiet fundamentali allegati mir-rikorrenti;

“14.9. Illi ghalhekk l-involviment tad-Deputat Kummissarju *de quo* fl-investigazzjoni in dizamina tilledi d-dritt ta’ smigh xieraq tar-rikorrenti u tippregudika d-drittijiet eventwali taghhom naxxenti mill-istess assassinju in dizamina;

“14.10. Illi *di piu`*, r-rikorrenti jsosstnu wkoll li:

“14.10.1. Bhala familjari tal-persuna assassinata ma kienux qed jinzammu informati bil-mod kif kienet qed titmexxa l-investigazzjoni, (ara foll 26);

“14.10.2. Kien qed ikun hemm informazzjoni kunfidenzjali rizervata fid-dominju tal-Pulizija li kienet qed tigi precedentement zvelata b’mod persistenti u regolari lill-gazzetti lokali u esteri izda mhux lill-familjari tal-istess persuna assassinata, (ara foll 26 u 27);

“14.11. Illi jirrizulta li effettivament ir-rikorrenti kienu qed jigu sistematikament injorati mill-investigaturi, bl-eccezzjonighal xi informazzjoni moghtija lilhom mill-Magistrat Inkwirenti, (ara foll 26);

“14.12. Illi r-rikorrenti jinsistu li f’din il-procedura mhux qed jindirizzaw il-kapacita` professjonali tad-Deputat Kummissarju in dizamina izda biss il-kunflitt t’interess naxxenti mill-prezenza tieghu fl-investigazzjoni innifisha, (ara foll 28);

“14.13. Illi min-naha taghhom l-intimati ssosstnu li:

“14.13.1. L-artiklu 6 tal-Konvenzjoni mhux applikabbli ghall-vertenza odjerna *stante* l-proceduri ghadhom fil-fazi tal-Inkjesta Magisterjali, (ara foll 14);

“14.13.2. Fl-operat tal-intimati m’hemm l-ebda vjolazzjoni tal-artikli 2 u 6 tal-Konvenzjoni, (ara foll 14);

“Ikkunsidrat:

“15.0. Illi l-analizi segwenti allura tattira s-superament tas-segwenti:

“15.1. L-allegata lezjoni tal-artiklu 2 tal-Konvenzjoni, (ara paragrafu numru sittax (16.), sa erbghin, (40.), aktar ’l quddiem);

“15.2. L-allegata lezjoni tal-artiklu 6 tal-Konvenzjoni, (ara paragrafu numru wiehed u erbghin, (41.), sa erbgha u hamsin, (54.), aktar ’l quddiem);

“15.3. L-allegata lezjoni tal-artikli 33 u 39 tal-Kostituzzjoni (ara paragrafu numru hamsa u hamsin, (55.), sa disgha u hamsin, (59.) aktar ’l quddiem);

"Ikkunsidrat:

"**A. L-Allegata Lezjoni tal-Artiklu 2 tal-Konvenzjoni:**

"16. Illi r-rikorrenti jissottomettu li l-omicidju li hu fl-isfond tal-procedura odjerna, kien konsegwenza ta' dak li kienet kitbet jew li kienet ser tikteb l-imsemmija Daphne Caruana Galizia, (ara foll 71);

"17. Illi jissottomettu wkoll li biex ikun imhares l-artiklu 2 in dizamina ghandha ssir analizi tas-sit elettroniku tal-imsemmija vittma flimkien m'investigazzjoni fuq kull persuna li fuqha gew rappurtati l-fatti, (ara foll 72);

"18.0. Illi hu pacifiku li l-istess vittma kitbet fit-tul fuq diversi persuni fosthom fuq l-intimati, specifikatament fuq:

"18.1. Id-Deputat Kummissarju intimat;

"18.2. Fuq il-fatt li hu mizzewweg Ministru membru tal-Kabinett; u

"18.3. Fuq il-fatt li dan kien ukoll ufficjal fil-Bord tal-hekk imsejjah *FIAU*, (ara paragrafu numru erbatax punt sebgha punt tnejn, (14.7.2.), aktar qabel u foll 72);

"19. Illi in vista tal-fatt li f'dan l-istadju tal-investigazzjonijiet hadd ma jista' jigi eskluz mill-investigazzjoni *de quo*, allura qed jitolbu li l-imsemmi Deputat Kummissarju intimat, anke bhala persuna esposta politikament, izda minghajr ma jitfghu dell ikrah fuq il-kapacitajiet professjonali tieghu, ghandu jigi estromess mill-investigazzjoni *in vigore* u jigi sostitwit, (ara foll 73);

"20.0. Illi min-naha taghhom l-intimati jsosstnu li:

"20.1. Ma kien hemm l-ebda nuqqasijiet fl-investigazzjoni in dizamina, (ara foll 94);

"20.2. Illi in effetti, l-istess investigazzjoni gia` halliet rizultati pozittivi billi tressqu tliet (3) persuni akkuzati bid-delitt *de quo*, (ara foll 94);

"Ikkunsidrat:

"21. Illi fir-rigward ta' din il-lanjanza partikolari jigi immedjatament sottolineat li ghandu jkun pacifiku li n-nuqqas li jigu segwiti verifiki ovvji waqt investigazzjoni jista' jikser id-dettami tal-artiklu 2 in dizamina;

"22. Illi in effetti l-artiklu 2 tal-Konvenzjoni li jirrigwarda d-dritt ghall-hajja, jistipula s-segwenti:

""1. Id-dritt ghall-hajja ta' kulhadd ghandu jigi protett b'ligi. Hadd ma ghandu jigi pprivat mill-hajja tieghu intenzjonalment hlief fl-esekuzzjoni tas-sentenza ta' qorti wara li jigi misjub hati ta' delitt li dwaru tkun provduta mill-ligi din il-piena;

""2. Il-privazzjoni tal-hajja m'ghandhiex titqies bhala maghmula bi ksur ta' dan l-artiklu meta tirrizulta mill-uzu ta' forza li ma tkunx aktar minn dak li jkun assolutament mehtieg:

""(a) fid-difiza ta' xi persuna minn vjolenza illegali;

""(b) sabiex jigi effettwat arrest skont il-ligi jew tigi evitata l-harba ta' xi persuna detenuta skont il-ligi;

""(c) f'azzjoni mehuda skont il-ligi sabiex tigi meghluba rewwixta jew insurrezzjoni";"

"23. Illi jigi sottolineat f'dan ir-rigward li fl-analizi taghha rigwardanti kwalunkwe nuqqas rilevat fil-fazi investigattiva ta' delitt li jxekkel il-kapacita` ta' min hu dovut biex jigi identifikat l-awtur jew l-awturi ta' delitt, il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem, (minn issa 'l quddiem il-Qorti ta' Strasburgu), dejjem irriteniet li dan fih innifsu jivvjola l-artiklu 2 tal-Konvenzjoni;

"24. Illi ghalhekk issir referenza ghas-sentenza tal-**Qorti ta' Strasburgu** fl-ismijiet **Kolevi vs. Bulgaria**, datata l-**5 ta' Novembru, 2009**, kaz fejn il-lanjant, Kolevi, li kien prosekutur, kien inqatel bi sparatura, u kien ukoll f'kunflitt mal-Prosekutur Pubbliku Ewlieni ta' pajjizu;

"25. Illi fil-proceduri legali sussegwenti il-werrieta tieghu kienu allegaw, bhal m'hu qed isir fil-kaz odjern, li l-investigazzjoni fir-rigward la kienet indipendenti u lanqas effettiva, u b'hekk, leziva l-artiklu 2 in dizamina peress li l-istess investigazzjoni kienet qed titmexxa mill-istess Prosekutur Pubbliku Ewlieni *de quo*;

"26. Illi f'dan ir-rigward il-qorti fuq riferita irriteniet is-segwenti:

""201. *In this context the Court considers that, having regard to the material available to them as described in the preceeding paragraphs, the investigators should have explored the allegation that the Chief Public Prosecutor and other high-ranking prosecutors and officials might have been implicated in Mr Kolev's murder, even if the allegation was eventually to prove unfounded. That is so because, as the Court has stated in previous cases, the investigation's conclusions must be based on thorough, objective and impartial analysis of all relevant elements. Failing to follow an obvious line of inquiry undermines the*

> *investigation's ability to establish the circumstances of the case and the person responsible. Such an investigation cannot be seen as effective, (see the judgements cited in paragraph 192 above, and* **Anguelova v. Bulgaria, no. 38361/97, § 144, ECHR 2002-IV**).""

"27. Illi in vista tal-premess, jirrizulta allura pacifiku li biex tigi salvagwardata l-integrita` tal-investigazzjoni ghall-gid tal-kollettivita` l-artiklu 2 tal-Kovenzjoni jaghti d-dritt lill-vittma li kull investigazzjoni kondotta tkun imparzjali, indipendenti, effettiva u oggettiva;

"Ikkunsidrat:

"28.0. Illi mid-dokumentazzjoni pprezentata *in atti* jirrizulta abbundantement assodat li d-Deputat Kummissarju intimat kien ikun is-suggett ta' diversi artikli miktuba mill-vittma kkoncernata, u dan:

"28.1. Kemm bhala membru tal-Korp tal-Pulizija;

"28.2. Kemm bhala l-konsorti ta' Membru tal-Kabinett;

"28.3. Kemm bhala membru fuq il-Bord tal-*F.I.A.U.*, (ara foll 35 sa 45);

"29. Illi *di piu`*, jirrizulta wkoll li fid-dokumentazzjoni prodotta riferita fil-paragrafu precedenti hemm ukoll kampjun ta' kitba tal-istess fejn il-Ministru konsorti kienet fil-mira tal-gurnalista *de quo*, (ara foll 45);

"Ikkunsidrat:

"30. Illi jirrizulta li d-Deputat Kummissarju intimat ghandu funzjoni attiva fl-investigazzjonijiet kondotti mill-Pulizija wara l-assassinju in dizamina, u dan, kemm ghaliex irribadixxa l-istess fix-xhieda tieghu, (ara foll 62), kemm ukoll ghaliex kien attivament involut fil-konferenza stampa mizmuma mill-Korp tal-Pulizija fir-rigward, (ara foll 67);

"31. Illi *di piu`* l-istess Deputat Kummissarju jizvela li l-iSpetturi Arnaud u Zahra li qed jassisstu lill-Magistrat Inkwirenti fl-inkjesta tieghu, huma effettivament responsabbli direttament lejh, (ara foll 67);

"32. Illi finalment l-istess Deputat Kummissarju intimat irritjena li mhux eskluz li l-mandant tal-omicidju in dizamina hu persuna politikament esposta, (ara foll 67);

"33. Illi ghandu jkun pacifiku wkoll li bhala konsorti ta' Ministru fil-Kabinett, l-istess Deputat Kummissarju intimat jikkwalifika wkoll bhala persuna politikament esposta, kif *del resto* jammetti hu stess li jikkwalifika bhala tali, (ara foll 67);

"Ikkunsidrat:

"34. Illi in vista tar-rizultanzi fuq elenkati jirrizulta li l-investigazzjoni tal-assassinju in dizamina qed tigi immexxija minn Korp tal-Pulizija li fil-qalba tat-tmexxija tieghu hemm id-Deputat Kummissarju intimat;

"35. Illi *di piu`* jigi sottolineat li l-investigazzjoni kondotta mill-Korp tal-Pulizija hi distinta u separata mill-investigazzjoni kondotta mill-Magistrat Inkwirenti – *nonostante* il-fatt li tal-ahhar tiddependi enormement mill-membri tal-Korp tal-Pulizija addetti fl-istess inkjesta fejn il-lealta` taghhom tigi maqsuma bejn il-Korp tal-Pulizija li jimpjeghom, u l-Magistrat Inkwirenti li innominhom u jkoprihom bl-indipendenza insita fil-kariga tieghu bhala gudikant;

"36. Illi f'dan ir-rigward jinghad ukoll li mhux l-ewwel darba li gie osservat li l-konkluzjonijiet li l-Magistrat Inkwirenti jasal ghalihom fl-Inkjesta Magisterjali tieghu jigu injorati bla raguni minn min hu dovut u obbligat li jagixxi skont l-istruzzjonijiet moghtija u espressament indirizzati lilhom fil-Process Verbal konklussiv tieghu, u li legalment huma jkunu obbligati li jagixxu fuqhom;

"37. Illi effettivament, din il-qorti tiehu hawn l-opportunita` tigbed l-attenzjoni ta' min hu dovut li din l-anomalija ghandha tigi indirizzata malajr kemm jista' jkun;

"Ikkunsidrat:

"38. Illi ssir referenza ghas-sentenza tal-**Qorti ta' Strasburgu** fl-ismijiet **Mustaf Tunc u Fecire Tunk vs. It-Turkija**, datata l-**14 t'April, 2015**, li irriteniet is-segwenti:

""169. *The Court reiterates that the obligation to protect the right to life under article 2 of the Convention, read in conjunction with the State's general duty under article 1 of the Convention to 'secure to everyone within (its) jurisdiction the rights and freedoms defined in (the) Convention', requires by implication that there should be some form of effective official investigation when individuals have been killed as a result of the use of force. The investigation must be, inter alia, thorough, impartial and careful (see* ***McCann and Others v. the United Kingdom, 27 September 1995, §§ 161-163, Series A no. 324 ...***

""171. *By requiring a State to take appropriate steps to safeguard the lives of those within its jurisdiction, article 2 imposes a duty on that State to secure the right to life by putting in place effective criminal-law provisions to deter the commission of offences against the person, backed up by law-enforcement machinery for the prevention, suppression and punishment of breaches of such provisions. This obligation requires by implication that there should be some form of effective official investigation when there is reason to believe that*

*an individual has sustained life-threatening injuries in suspicious circumstances, even where the presumed perpetrator of the fatal attack is not a State agent (see* ***Menson v. the United Kingdom (dec.), no. 47916/99, ECHR 2003-V; Pereira Henriques v. Luxsembourg, no. 60255/00, § 56, 9 May 2006; and Yotova v. Bulgaria, no. 43606/04, § 68, 23 October 2012****).*

““172. *In order to be “****effective****” as this expression is to be understood in the context of article 2 of the Convention, an investigation must firstly be adequate (see* ***Ramsahai and Others v. the Netherlands (GC), no. 52391/99, § 324, ECHR 2007-II****). That is, it must be capable of leading to the establishment of the facts and, where appropriate, the identification and punishment of those responsible”*, (sottolinear tal-qorti);””

“Ikkunsidrat:

“39. Illi in vista tas-suespost, din il-qorti hi tal-fehma li fic-cirkostanzi partikolari fuq riferit li jinsab fihom id-Deputat Kummissarju intimat, hu naturali li jitqajmu dubji legittimi rigwardanti l-fatt ta’ kemm tista’ tkun effettiva l-inkjesta li qed tigi kondotta bl-istrutturi fuq indikati – u dan, minghajr ma jintefa l-ebda dawl nefast fuq il-karattru u l-kapacitajiet tal-istess intimat;

“40.0. Illi tenut kont tal-fatt li d-Deputat Kummisarju *de quo* hu:

“40.1. Persuna politikament espost;

“40.2. Flimkien mal-konsorte tieghu kien suggett ta’ diversi kitbiet vitrijolici tal-vittma assassinata; u

“40.3. Membru tal-Bord tal-*F.I.A.U.* li wkoll kienet suggetta ghall-analizi iffukata daparti tal-vittma assassinata;

dawn kollha jimmilitaw favur it-tezi sottomessa mir-rikorrenti li proprju minhabba f’hekk, jistghu facilment jitqajmu dubji serji rigwardanti l-adegwatezza u l-effettivita` tal-investigazzjoni li tista’ tofuska b’xi mod il-konkluzjonijiet li tista’ tasal ghalihom tali investigazzjoni, *molto piu`* meta ma jirrizultax li giet skartata t-tezi sottomessa kemm mir-rikorrenti, (ara foll 25), kemm mill-istess Deputat Kummissarju intimat, (ara foll 67), li l-mohh wara l-assassinju in dizamina jista’ jkun naskost anke fis-settur politiku;

“41. Illi in vista tal-premess din il-qorti hi sodisfatta li jirrizulta li hemm ksur tal-artiklu 2 tal-Konvenzjoni u konsegwentement, l-ewwel (1) talba tar-rikorrenti, (ara foll 4), ghandha tigi akkolta;

“Ikkunsidrat:

“**B. L-Allegata Lezjoni tal-Artiklu 6 tal-Konvenzjoni:**

“42. Illi taht dan il-kap r-rikorrenti sintetikament isosstnu li kif prezentement immexxija l-investigazzjoni tal-assassinju in kwistjoni mid-Deputat Kummissarju intimat, l-istess investigazzjoni ma tistax tkun wahda imparzjali, indipendenti u oggettiva, minhabba l-konflitt t’interess insitu li jezisti fir-rigward, (ara foll 86);

“43. Illi daparti taghhom l-intimati sintetikament isosstnu li dan l-ariklu hawn analizzat fil-fatt ma japplikax *stante* li l-proceduri in dizamina prezentement huma fil-fazi ta’ Inkjesta Magisterjali, (ara foll 92);

“44. Illi f’dan ir-rigward l-intimati jsosstnu li minhabba dan il-fatt indikat fil-paragrafu precedenti, allura dawn il-proceduri ghadhom ma jinvolvux id-determinazzjoni ta’ akkuzi kriminali jew ta’ obbligi ta’ natura civili;

“45.0. Illi l-istess intimati jkomplu jirribadixxu li l-inkjesta *de quo* tikkostitwixxi biss “kostatazzjoni ta’ fatti” fejn il-Magistrat Inkwirenti involut jista’ biss:

“45.1. Jordna l-arrest ta’ persuni hatja, (ara foll 92), *recte* suspettati;

“45.2. Jordna il-qbid ta’ oggetti - *reperti*;

“45.3. Jaghmel dak kollu mehtieg biex jippreserva l-provi, (ara foll 92);

Ikkunsidrat:

“46. Illi l-artiklu 6 tal-Konvenzjoni reklamat mir-rikorrenti jindirizza d-dritt ghal procediment gust u jistabbilixxi s-segwenti:

““1. Fid-determinazzjoni tad-drittijiet civili u tal-obbligi tieghu jew ta’ xi akkuza kriminali kontra tieghu, kulhadd huwa intitolat ghal smigh imparzjali u pubbliku fi zmien ragonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b’ligi. Is-sentenza ghandha tinghata pubblikament izda l-istampa u l-pubbliku jistghu jigu eskluzi mill-proceduri kollha jew minn parti minnhom fl-interess tal-morali, tal-ordni pubbliku jew tas-sigurta` nazzjonali f’socjeta` demokratika, meta l-interessi tal-minuri jew il-protezzjoni tal-hajja privata tal-partijiet hekk tehtieg, jew safejn ikun rigorozament mehtieg fil-fehma tal-qorti f’cirkostanzi specjali meta l-pubblicita` tista’ tippregudika l-interessi tal-gustizzja;

““2. Kull min ikun akkuzat b’reat kriminali ghandu jigi meqjus li jkun innocenti sakemm ma jigix pruvat hati skont il-ligi;

““3. Kull min ikun akkuzat b’reat kriminali ghandu d-drittijiet minimi li gejjin:

""(a) li jkun infurmat minnufih, b'lingwa li jifhem u fid-dettal, dwar in-natura u r-raguni tal-akkuza kontra tieghu;

""(b) li jkollu zmien u facilitajiet xierqa ghall-preparazzjoni tad-difiza tieghu;

""(c) li jiddefendi ruhu personalment jew permezz ta' assistenza legali maghzula minnu stess jew, jekk ma jkollux mezzi bizzejjed li jhallas l-assistenza legali, din ghandha tinghata lilu b'xejn meta l-interessi tal-gustizzja jehtiegu hekk;

""(d) li jezamina jew li jara li jigu ezaminati xhieda kontra tieghu u li jottjeni l-attendenza u l-ezami ta' xhieda favur tieghu taht l-istess kundizzjonijiet bhax-xhieda kontra tieghu;

""(e) li jkollu assistenza b'xejn ta' interpretu jekk ma jkunx jifhem jew jitkellem il-lingwa uzata fil-qorti";"

"47. Illi f'dan ir-rigward ir-rikorrenti jissottolineaw li qed jinvokaw l-imsemmi artiklu tal-konvenzjoni fl-ambitu civili tieghu *stante* li jekk l-investigazzjonijiet in dizamina jigu subdolament deraljati allura huma jigu mcahhda mill-access ghall-qorti biex jiksbu d-danni dovuti ghat-telf tal-ghazieza taghhom, u dan, rizultat ta' konflitt t'interess tad-Deputat Kummissarju intimat, (ara foll 86);

"48. Illi min-naha taghhom l-intimati jsosstnu li r-rikorrenti ghandhom kull access ghall-qrati biex jissottomettu kawzi ta' natura civili;

"Ikkunsidrat:

"49. Illi f'dan ir-rigward jigi osservat, kif tajjeb issottolineat mir-rikorrenti, (ara foll 89), li mhux possibbli ghar-rikorrenti li jipprocedu civilment ghad-danni minnhom subiti minhabba l-assassinju in dizamina qabel mal-proceduri kriminali jkunu stabbilew b'mod definittiv min kien jew kienu l-awturi tal-istess;

"50. Illi ssir referenza f'dan l-istadju ghas-sentenza tal-**Qorti ta' Strasburgu** fl-ismijiet **Kaz ta' Golder vs. Ir-Renju Unit**, datata l-**21 ta' Frar, 1975**, fejn kien ritenut is-segwenti:

""35 ... The principle whereby a civil claim must be capable of being submitted to a judge ranks as one of the universally "recognised" fundamental principles of law; the same is true of the principle of international law which forbids the denial of justice. Article 6 para. 1 (art. 6 - 1) must be read in the light of these principles ...

""36. Taking all the preceding considerations together, it follows that the right of access constitutes an element which is inherent in the right stated by Article 6 para. 1 (art. 6 -1). This is not an extensive interpretation forcing new obligations on the Contracting States: it is based on the very

> terms of the first sentence of Article 6 para. 1 (art. 6 -1) read in its context and having regard to the object and purpose of the Convention, a lawmaking treaty (see the **Wemhoff** judgement of **27 June 1968, Series A no. 7, p. 23, para. 8**), and to general principles of law;""

"Ikkunsidrat:

"51. Illi fid-dawl tal-konkluzjonijiet rigwardanti il-komposizzjoni tal-korp investigattiv fuq delineat liema komposizzjoni, ghar-ragunijiet hemm deklinati mhix qed tigi meqjusa bhala wahda effettiva, minnha innifisha ccahhad lir-rikorrenti mid-dritt taghhom ghal access ghall-qorti kif sancit bi kjarezza mill-artiklu 6 tal-Konvenzjoni hawn in dizamina, u dan, *stante* li tali investigazzjoni facilment tista' ma twassalx ghall-individwazzjoni tal-mandanti li skatenaw lill-esekuturi tal-assassinju in dizamina, bil-konsegwenza li r-rikorrenti jitpoggew fl-impossibilita` fattwali li ma jkunux jistghu jipprocedu civilment kontra kull min hu involut – kemm bhala esekutur u bhala mandant;

"52. Illi ghandu jkun pacifiku li kwalunkwe eventwali kawza civili li jista' jigi pprospettata ser necessarjament tiddependi mill-investigazzjonijiet prezentement pendenti, u ghalhekk, il-limpidezza fl-operat tal-istess hi kundizzjoni *sine qua non* ghall-ahjar risoluzzjoni tal-mertu in dizamina;

"53. Illi in vista tal-premess din il-qorti hi wkoll sodisfatta li jirrizulta li hemm ksur tal-artiklu 6 tal-Konvenzjoni u konsegwentement, anke t-tieni (2) talba tar-rikorrenti, (ara foll 4), ghandha tigi akkolta;

"Ikkunsidrat:

"**C. L-Allegata Lezjoni tal-Artikli 33 u 39 tal-Kostituzzjoni**:

"54. Illi jigi sottolineat li s-sottomissjonijiet fir-rigward tal-imsemmija artikoli tal-Kostituzzjoni huma sottomissjonijiet godda li ghalkemm mhux intavolati fir-rikors promotur, kienu intavolati fin-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti, (ara foll 89);

"55. Illi in effetti ma ssir l-ebda referenza ghal dawn l-artikli tal-Kostituzzjoni la fir-rikors promotur, la fil-premessi kontenuti fl-istess, u lanqas fit-talbiet finali tal-istess rikorrenti;

"56. Illi konsegwentement jigi osservat li l-intimati la ressqu u lanqas setghu jressqu d-difiza taghhom fir-rigward;

"57. Illi in vista tal-premess allura jinghad li din il-qorti m'ghandha xejn x'tghid fir-rigward hlief li tali lanjanzi ma setghux jigu sottomessi f'dan l-istadju tardiv u b'dan il-mod;

"58. Illi konsegwentement tiddikjara li mhix tikkonsidra l-istess lanjanzi validament introdotti u ghalhekk, tiskarthom;"

L-Appell

5. L-intimati appellaw minn dik is-sentenza u ressqu tlett aggravji li fis-succint jirrigwardaw [1] in-nuqqas tal-ewwel Qorti li tiddecidi f'kap separat l-eccezzjoni preliminari sollevata mill-intimati dwar l-inapplikabbilita` tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni; [2] li skont l-intimati ma hemmx ksur tal-Artikolu 2 tal-Konvenzjoni u, [3] skont l-istess intimati ma hemmx ksur tal-Artikolu 6 tal-istess Konvenzjoni.

Nuqqas ta' decizjoni dwar l-applikabilita` o meno tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni.

*Sottomissjonijiet tal-intimati appellanti*

6. L-intimati ssottomettew li ghalkemm huma kienu ressqu eccezzjoni ta' natura preliminari dwar l-inapplikabilita` tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni fil-kaz odjern, l-ewwel Qorti naqset milli tiddeciedi dwar din l-eccezzjoni f'kap separat fis-sentenza.

7. Huma fissru l-eccezzjoni taghhom, li r-rikorrenti kienu qeghdin jilmentaw dwar proceduri li kienu ghadhom f'stat ta' inkjesta magisterjali

u li ghalhekk ma kienux jirrigwardaw id-decizjoni ta’ akkuza kriminali jew dritt jew obbligu civili. B’hekk l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni mhuwiex applikabbli ghalihom u hawn ghamlu riferenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti Civili (sede kostituzzjonali) fis- 17 ta’ Jannar, 2002, fl-ismijiet **Il-Kummissarju tal-Pulizija George Grech v. Id-Direttur Generali u Registratur tal-Qrati u l-Avukat Generali**. L-intimati jghidu li ghalkemm hemm diversi sentenzi tal-qrati lokali u wkoll tal-Qorti Ewropea fejn id-dritt ta’ smiegh xieraq garantit mill-imsemmi artikolu kien gie estiz ghall-proceduri ta’ investigazzjoni, izda kien gie deciz ukoll li dak l-artikolu ma kienx applikabbli ghal *parte civile* f’kawza kriminali. L-istess seta’ jinghad fir-rigward ta’ Inkjesta Magisterjali.

<u>Lezjoni tal-Artikolu 2 tal-Konvenzjoni.</u>

*Sottomissjonijiet tal-Intimati.*

8. Dawn jghidu li l-ewwel Qorti kienet zbaljata meta sabet li kien sehh ksur tad-drittijiet tar-rikorrenti appellati ai termini tal-Artikolu 2 tal-Konvenzjoni, u jsostnu li dik il-Qorti kienet naqqset milli tikkonsidra l-elementi li jsawru dan l-artikolu.

9. L-ewwel Qorti kienet tefghet dubju fuq l-Inkjesta Magisterjali meta sabet li din ma kienitx wahda effettiva u imparzjali minkejja li din kienet

immexxija minn Magistrat Inkwerenti fejn ufficjal tal-Pulizija jirrispondi direttament lilu.

10. Jissottomettu li l-Artikolu 2 tal-Konvenzjoni, jimponi l-obbligu fuq l-Istat li mhux biss tipprevjeni milli titnehha l-hajja ta' persuna b'mod arbitrarju izda wkoll li l-Istat ghandu jiehu dawk l-azzjonijiet jew mizuri pozittivi biex tigi zgurata l-protezzjoni tal-hajja. L-obbligu principali tal-Istat li johrog mill-Artikolu 2 tal-Konvenzjoni, hu li l-Istat ikollu qafas legislattiv li jikkunsidra t-twettiq ta' reati kontra l-persuna bhala reati punibbli. Il-Kodici Kriminali nostran jaghmel proprju dan u ghalhekk l-ewwel element impost mill-Artikolu 2 tal-Konvenzjoni jinsab sodisfatt.

11. It-tieni element ta' dan l-artikolu jirrikjedi li jkun hemm investigazzjoni effettiva maghmula b'mod metikoluz u mparzjali bil-ghan li tista' tigi identifikata l-persuna responsabbli ghad-delitt. Ghalhekk l-Istat ghandu numru ta' obbligi partikolari li gew identifikati mill-Qorti Ewropea fis-sentenza taghha tas-26 ta' Lulju, 2007, fl-ismijiet **Angelova and Iliev v. Bulgaria**[1] sabiex jithares l-Artikolu 2 tal-Konvenzjoni.

12. L-intimati jkomplu jissottomettu li, sabiex l-investigazzjoni ssir skont dak li jirrikjedi l-Artikolu 2 tal-Konvenzjoni Ewropea, din qeghda titmexxa minn Magistrat Inkwerenti. Jirrizulta li l-investigazzjoni kienet bdiet minghajr dewmien bil-ghajnuna ta' esperti lokali u barranin

[1] App. Numru 55523/00.

mahtura mill-Magistrat Inkwirenti. L-ewwel Qorti osservat li l-investigazzjoni tal-Pulizija hija distinta mill-Inkjesta Magisterjali u l-Ispetturi tal-Pulizija kellhom il-lejalta maqsuma bejn il-Korp tal-Pulizija u l-Magistrat Inkwerenti. Dan il-hsieb huwa zbaljat ghaliex, f'inkjesta magisterjali, l-ufficjali tal-Korp tal-Pulizija huma kollha responsabbli lejn il-Magistrat Inkwerenti. L-intimati osservaw ukoll li ma kienx jirrizulta fil-kaz odjern, li l-Magistrat Inkwerenti u l-Korp tal-Pulizija ghandhom interessi konfliggenti, jigifieri li l-pulizija ghandha xi interess li d-delitt ma jissolviex.

13. L-intimati jissottomettu li l-ewwel Qorti sahansitra waslet biex tefghet dell ikrah fuq l-effettivita` tal-investigazzjoni maghmula mill-Magistrat Inkwerenti meta ddikjarat li fil-passat kien ikun hemm kazijiet fejn il-konkluzjoni tal-process verbal giet gew injorati u ma jittiehdux passi. Dan mhu minnu xejn ghax il-ligi fl-Artikolu 569 tal-Kodici Kriminali tipprovdi x'regoli ghandhom japplikaw fil-kazijiet fejn kien ikun hemm dubbju dwar il-konkluzjoni tal-process verbal.

14. Ukoll, ghalkemm l-ewwel Qorti kkonsidrat lid-Deputat Kummissarju Silvio Valletta bhala *Politically Exposed Person (PEP)*, din il-klassifikazzjoni kienet tintuza biss ghall-fini tal-ligijiet fiskali minhabba l-iskrutinju aktar rigoruz necessarju mill-istituzzjonijiet finanzjarji.

15. L-appellanti jsostnu li d-disposizzjonijiet tal-Kodici Kriminali huma garanzija bizzejjed tal-oggettivita` u tal-imparzjalita` rikjesti mill-Artikolu 2 tal-Konvenzjoni. Hemm il-prezunzjoni tal-imparzjalita` fir-rigward tal-Magistrat Inkwerenti u fil-kaz odjern l-ebda prova ma tresqet sabiex turi li din giet imxellfa. Ukoll, ghalkemm d-Deputat Kummissarju huwa mizzewweg mara li hi Ministru tal-gvern u li hu kien membru tal-F.I.A.U., ma tresqet l-ebda prova fuq xi nuqqas materjali fl-investigazzjoni minkejja li l-inkjesta kienet titmexxa mill-Magistrat Inkwerenti u mhux mid-Deputat Kummissarju. L-intimati jissenjalaw ukoll il-fatt li, minkejja d-diversi artikoli li nkitbu mill-vittma fuq id-Deputat Kummissarju u martu, dawna qatt ma hadu azzjoni fil-konfront taghha.

16. L-ewwel Qorti ma kkonsidratx li r-rikorrenti kienu naqqsu milli jressqu prova li kienet turi xi nuqqas partikolari fl-investigazzjoni. Hawn l-intimati ghamlu riferenza ghas-sentenza tal-Qorti Ewropea tal-25 ta' Jannar, 2018, fl-ismijiet **Milic and Others v. Croatia**[2] fejn kien gie osservat li l-applikanti kienu naqqsu milli jgibu prova konvincenti jew li jiddentifikaw xi nuqqasijiet fl-investigazzjoni maghmula mill-Pulizija li kienu juru li din ma kienetx effettiva.

17. In sostenn tas-sottomissjoni taghhom li l-investigazzjonijiet saru u qed isiru b'mod effettiv, huma jissenjalaw il-fatt li b'rizultat tal-istess investigazzjonijiet tressqu tlett persuni akkuzati bit-twettiq tad-delitt.

[2] App. Nru. 38766/15.

*Sottomissjonijiet tar-rikorrenti*

18. Ir-rikorrenti appellati sostnew li, ghall-kuntrarju ta' dak li ntqal mill-intimati, jirrizulta mill-korp tas-sentenza appellata u precizament mill-paragrafi 22 sa 27 li l-ewwel Qorti kienet ghamlet id-debitu stharrig tac-cirkostanzi kollha qabel ma waslet ghall-konkluzjoni motivata taghha.

19. Ir-rikorrenti mbaghad ghamlu riferenza ghas-sentenza tal-Qorti Ewropea fl-ismijiet **Silih v. Slovenia**[3] deciza fid-9 ta' April, 2009, fejn fost osservazzjonijiet ohra, dik il-Qorti qalet li mill-Artikolu 2 tal-Konvenzjoni johrog l-obbligu procedurali tal-Istat li jaghmel investigazzjoni effettiva. Kien f'dan il-kuntest li huma ressqu l-ilment taghhom li n-nuqqas ta' imparzjalita` oggettiva fl-investigazzjoni twassal ghal ksur tad-dritt tal-hajja.

20. Izda wiehed irid ukoll izomm f'mohhu li, fi kliem id-Deputat Kummissarju waqt ix-xhieda tieghu[4] quddiem l-ewwel Qorti, f'dan l-istadju tal-investigazzjoni hadd ma hu eskluz. B'hekk fil-kaz odjern ir-responsabbilita` tal-Istat fl-investigazzjoni hija wahda aktar oneruza. Dan kien qed jinghad fid-dawl tal-fatt li, id-Deputat Kummissarju huwa persuna esposta politikament, ghax martu hi Ministru tal-Gvern, kif ukoll

[3] App. Nru. 71463/01.
[4] A fol. 67.

minhabba r-rwol tieghu l bhala membru tal-F.I.A.U. u l-kritika maghmula mill-vittma hija bazata fuq dawn iz-zewg fatturi. Hija kienet kkrititkat kemm lilu kif ukoll lil martu b'konflitt ta' interess fl-investigazzjonijiet [jew nuqqas taghhom] li kellhom isiru rigwardanti rapport li nghata lill F.I.A.U. u l-possibbli koinvolgiment ta' persuna b'kariga ministerjali, li allura hi kollega tal-mart l-istess Deputat Kummissarju, u nies ohra f'karigi gholjin li huma qrib it-tmejja tal-gvern.

21. Ir-rikorrenti ssottomettew ulterjorment li, stante li kif ammess mill-istess Deputat Kummissarju huwa kien *politically exposed person* u stante li kif qal l-istess Deputat Kummissarju hadd ma kien eskluz fl-investigazzjoni, jikkonfigura konflitt ta' interess bejn ir-rwol tieghu bhala Deputat Kummissarju u l-investigazzjonijiet li qed jigu immexxija principalment minnu stess. Dan il-konflitt oggettivament inaqqas mill-imparzjalita` oggettiva rikjesta fl-investigazzjoni bi ksur tal-Artikolu 2 tal-Konvenzjoni, u dan hu hekk peress li kien qed jintefa' dubbju dwar jekk l-investigazzjoni kinitx qeghda titmexxa b'mod "effettiv" kif defenit fil-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea.

22. Ghall-allegazzjoni tal-appellanti li l-ewwel Qorti dehret li kienet sahansitra ddikjarat bhala lezivi d-disposizzjonijiet tal-Kodici Kriminali li kienu jipprovdu ghall- *in genere*, ir-rikorrenti appellati rrispondew li din l-allegazzjoni tal-intimati hija gratuwita u s-sentenza tal-ewwel Qorti ma

setghetx tigi interpretata hekk ghaliex imkien ma hemm ddikjarat li d-disposizzjonijiet tal-Kodici Kriminali dwar l-inkjesti kienu lezivi tad-drittijiet fondamentali.

23. Ir-rikorrenti appellati osservaw li fir-rikors tal-appell taghhom, l-appellanti kienu ghamlu accenn diversi drabi ghall-fatt li l-investigazzjoni kienet tissodisfa l-kriterji tal-Artikolu 2 tal-Konvenzjoni ghaliex tali investigazzjoni kienet qeghda titmexxa mill-Magistrat Inkwerenti. Izda kif xehed id-Deputat Kummissarju, l-Ispetturi tal-Pulizija involuti fl-investigazzjoni kienu responsabbli lejh u, minkejja l-Magistrat Inkwerenti ghandu diversi poteri moghtija lilu mill-Artikolu 554 tal-Kodici Kriminali, l-Ispetturi jibqghu pulizija soggetti ghall-ordnijiet tas-superjuri taghhom. Ir-rikorrenti ssottomettew li, filwaqt li l-Pulizija taghmel l-investigazzjoni taghha, il-Magistrat Inkwerenti jmexxi investigazzjoni parallela, u dak li kienu qed jitolbu f'dan il-kaz huwa bil-ghan li tigi assigurata l-ko-operazzjoni miz-zewg nahat bil-ghan li tinkixef il-verita` u issir gustizzja.

24. L-appellanti sostnew li l-ufficjali tal-Korp tal-Pulizija involuti fl-inkjesta jirrispondu lill-Magistrat Inkwerenti u jaghmlu dak ordnat minnu u ghalhekk ma kienx fondat, u kien sahansitra zbaljat, il-kumment tal-ewwel Qorti li ma kienx l-ewwel darba li l-konkluzjoni tal-Magistrat Inkwerenti tigi skartata bla raguni. Ir-rikorrenti ddikjaraw li mkien ma kienu allegaw li l-Pulizija kellha xi interess li d-delitt ma jissolviex. Huma

ccaraw l-posizzjoni taghhom, jigifieri li dak li huma kienu jsostnu kien li l-investigazzjoni tal-Pulizija setghet ma twassalx ghall-identifikazzjoni tal-mandanti tal-omicidju minhabba l-konflitt ta' nteress tad-Deputat Kummissarju li kien qed imexxi tali investigazzjoni.

25. Rigward is-sottomissjoni tal-intimati li kemm id-Deputat Kummissarju kif ukoll il-mara tieghu ma kienux ghamlu reazzjoni ghall-kitbiet tal-vittma kontra taghhom, ir-rikorrenti jghidu li l-qofol tal-kwistjoni huwa n-nuqqas ta' imparzjalita` oggettiva rizultat tal-konflitt ta' interess tal-persuna li kienet qeghda tiehu parti attiva fl-investigazzjoni tal-qtil, u mhux ir-reazzjoni tal-istess intimat u ta' martu ghall-kritika maghmula mill-vittma. Huma ghamlu accenn ghar-risposta tal-appellant l-Avukat Generali ghat-talba tar-rikorrenti appellati sabiex l-ewwel Magistrat Inkwerenti tastjeni, jigifieri fejn l-istess kien qed jaqbel li ghall-ahjar interess tal-amministrazzjoni tal-gustizzja dik il-magistrat kellha tastjeni. Ghalhekk ir-rikorrenti jghidu li ma setghux jifhmu ghaliex issa kien qed jopponi ghat-tnehhija ta' persuna b'kunflitt ta' interess mit-tmexxija tal-investigazzjoni.

26. Ir-rikorrenti jissenjalaw li huma ma setghux jaccennaw fuq xi nuqqas partikolari fl-investigazzjoni, ghax ma kienux qed jigu nfurmati b'dak li kien qed jigri fl-investigazzjoni.

Lezjoni tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni.

27. L-intimati jissottomettu li ma hemm xejn fis-sistema legali taghna li setghet tfixkel lir-rikorrenti appellati fid-dritt ta' access taghhom ghal qorti ghar-reklamar ta' danni civili, ukoll jekk l-investigazzjoni tal-Pulizija ma tkunx waslet sabiex persuna titressaq b'akkuza. Dan hu hekk peress li fis-sistema legali taghna l-azzjoni civili hija separata u distinta minn dik kriminali. Fattur iehor li kellu jitqies hu li l-appellati ghandhom id-dritt li jippartecipaw bhala *parte civile* fil-process kriminali.

28. Abbazi tal-premess, l-intimati talbu li din il-Qorti sabiex thassar is-sentenza appellata, filwaqt li tichad it-talbiet kollha tar-rikorrenti bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra taghhom.

Ir-Risposta tal-Appell

*Eccezzjoni preliminari.*

29. Fl-ewwel lok, l-appellati ressqu eccezzjoni preliminari fejn qeghdin ighidu li galadarba l-appellanti kienu qaghdu ghas-sentenza tal-ewwel Qorti ghaliex l-intimat appellant Silvio Valletta kien irtira mill-investigazzjoni, allura l-appell taghhom huwa null.

*Dwar l-ewwel u t-tielet aggravju.*

30. Ir-rikorrenti appellati ssottomettew li l-appellanti huma ghal kollox zbaljati meta jghidu li l-ewwel Qorti ma ddecidietx l-ewwel eccezzjoni taghhom. Ghal kuntrarju, dik il-Qorti kienet ghamlet il-konsiderazzjonijiet taghha fir-rigward,[5] flimkien mal-konsiderazzjonijiet taghha fuq il-mertu meta kkonsidrat il-ksur tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni.

31. Huma osservaw li l-intimati ma kienux fehmu l-argument taghhom dwar il-ksur tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni. L-intimati kienu qeghdin isostnu li l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni ma kienx applikabbli ghaliex investigazzjoni ma tiddecidiex dwar akkuza kriminali jew dritt jew obbligu ta' natura civili. Pero` l-ewwel Qorti kienet fehmet sew x'kien l-ilment taghhom, jigifieri jekk l-investigazzjoni tal-Pulizija tonqos milli tkun wahda indipendenti, dan jista' jwassal sabiex il-mandanti tal-omicidju tal-vittma ma jinstabux u b'hekk huma ma jkunux jistghu jintavolaw azzjoni ghad-danni rizultanti mir-reat kontra l-mandanti.

32. Ghalhekk ir-rikorrenti jsostnu li z-zewg aggravji ghandhom jigu michuda.

Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti

[5] Ara paragrafi 42 sa 53 tas-sentenza appellat

33. Fl-ewwel lok il-qorti ser tezamina l-eccezzjoni tan-nullita` tal-appell sollevata mir-rikorrenti fir-risposta taghhom li hi fis-sens li, ladarba skont huma l-intimat Deputat Kummissarju aderixxa ma dak ordnat fis-sentenza appellata billi ma baqax jiehu semm fl-investigazzjoni, allura skont l-Artikolu 228 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili "ma jistghax issa jsir appell mill-istess sentenza gialadarba l-appellanti qaghdu ghal dak li qatghet is-sentenza."

34. Din l-eccezzjoni hi bazata fuq il-kontenut tal-verbal registrat fl-udjenza tas-16 ta' Lulju 2018 li permezz tieghu l-intimati tramite l-avukat taghhom iddikjaraw li "id-Deputat Kummissarju Valletta ghal kull buon fini mhux qed jiehu sehem fl-investigazzjoni in kwistjoni u eventwalment jirregola ruhhu mas-sentenza ta' din il-Qorti."

35. Fir-rigward din il-Qorti tosserva li din l-eccezzjoni tirrazenta l-fieragh ghax ghandu jirrizulta manifest li l-fatt li l-imsemmi Deputat Kummissarju, pendenti d-decizzjoni tal-appell tieghu, ma jkompliex jiehu parti fl-investigazzjoni, mhuwiex att ta' accettazzjoni tad-decizjoni tal-ewwel Qorti, izda huwa piuttost att ta' prudenza da parti tieghu sabiex ma tigix pregudikata b'xi mod l-investigazzjoni. Dan johrog car minn dik il-parti tal-verbal fejn hu rrizerva li jirrregola ruhu wara li tinghata s-sentenza minn din il-Qorti.

36. Ghaldaqstant din l-eccezzjoni hija infondata u qed tigi michuda.

37. Il-qorti ser tghaddi issa sabiex tikkonsidra t-tlett aggravji tal-appellanti, izda stante li fil-kaz in ezami il-ksur tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni tista' tirrizulta relevanti biss jekk jigi stabbilit ksur tal-Artikolu 2 tal-Konvenzjoni, it-tieni aggravju tal-appellanti ser jigi kkonsidrat qabel l-ewwel u t-tielet aggravji li ser jigu kkonsidrati flimkien.

*It-tieni aggravju: [Lezjoni tal-Artikolu 2 tal-Konvenzjoni].*

38. Fir-rigward huma opportuni s-segwenti osservazzjonijiet ta' natura guridika.

39. Fil-qasir l-ewwel Qorti ddeskriviet hekk il-posizzjoni tal-Qorti Ewropea fir-rigward:

> "Illi jigi sottolineat f'dan ir-rigward li fl-analizi taghha rigwardanti kwalunkwe nuqqas rilevat fil-fazi investigattiva ta' delitt li jxekkel il-kapacita' ta' min hu dovut biex jigi identifikat l-awtur jew l-awturi ta' delitt, il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem, … dejjem irriteniet li dan fih innifsu jivvjola l-artiklu 2 tal-Konvenzjoni;"[6].

40. Imbaghad ghamlet referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Kolevi v. Bulgaria**[7] u qalet li bhal ma kien qed isir fil-kaz prezenti, il-werrieta ta' prosekutur li kien inqatel b'sparatura u li kien ukoll f'konflitt mal-

---

[6] Para.23
[7] 5 ta' Novembru, 2009, App. Nru. 1108/02.

Prosekutur Pubbliku Ewlieni ta' pajjizu, kienu allegaw in-nuqqas ta' indipendenza u effettivita` tal-investigazzjoni bi ksur tal-Artikolu 2 tal-Konvenzjoni stante li tali investigazzjoni kienet qeghda titmexxa mill-istess Prosekutur Pubbliku Ewlieni. Barra il-Paragrafu 201 ta' dik is-sentenza citata mill-ewwel Qorti, din il-Qorti tikkonsidra s-segwenti wkoll rilevanti fir-rigward tal-principji generali li johorgu mill-Artikolu 2 tal-Konvenzjoni:

> "191. The obligation of States to protect the right to life under Article 2 of the Convention requires by implication that there should be an effective official investigation when individuals have been killed. The duty to conduct such an investigation arises in all cases of killing and other suspicious death, whether the perpetrators were private persons or State agents or are unknown …".[8]

41. Diga' fis-sentenza taghha **Case of Nachova and Others v. Bulgaria** [9] il-Qorti Ewropea kienet accennat l-importanza tal-Artikolu 2 minhabba li dan kien ihares id-dritt ghall-hajja:

> "93. Article 2, which safeguards the right to life, ranks as one of the most fundamental provisions in the Convention and enshrines one of the basic values of the democratic societies making up the Council of Europe. The Court must subject allegations of a breach of this provision to the most careful scrutiny."

42. Ghalhekk, l-obbligu tal-Istat jibda minn dak il-mument li fih jsehh il-qtil u huwa rrelevanti jekk il-qattiel suspettat hija persuna privata jew agent tal-Istat. Fil-kaz odjern, m'hemmx dubbju li mal-qtil ta' Daphne Caruana Galizia fejn l-assassin ma kienx maghruf, skatta l-obbligu tal-

---

[8] Ara wkoll ECHR, **Case of Breknell v. The United Kingdom** deciza 27 ta'Novembru, 2007, App. Nru. 32457/04 para. 65.

[9] 6 ta' Lulju, 2005, App. Nru. 43577/98 u 43579/98).

Istat li jaghmel investigazzjoni, kif fil-fatt sar u ghadu jsir. Dik il-Qorti fil-kaz ta' **Kolevi v Bulgaria**[10] tosserva hekk dwar ir-rekwiziti ta' investigazzjoni sabiex din tkun konformi mal-Konvenzjoni:

> "192. The investigation must be effective in the sense that it is capable of leading to the establishment of the relevant facts and the identification and punishment of those responsible. The authorities must have taken the reasonable steps available to them to secure the evidence concerning the incident. The investigation's conclusions must be based on thorough, objective and impartial analysis of all relevant elements. While the obligation to investigate is of means only and there is no absolute right to obtain a prosecution or conviction, any deficiency in the investigation which undermines its capability of establishing the circumstances of the case or the person responsible is liable to fall foul of the required measure of effectiveness …"

43. Skont il-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea, m'huwiex bizzejjed li l-Istat jiftah investigazzjoni dwar il-qtil, izda jrid jassigura li dik l-investigazzjoni tkun wahda effettiva li twassal sabiex il-fatti rilevanti tal-kaz jigu stabbiliti u jigu wkoll identifikati u puniti dawk responsabbli. Sabiex l-investigazzjoni tkun effettiva, hemm bzonn li l-analizi tal-elementi rilevanti ghall-kaz ikun sar b'mod profond, shih u anke oggettivament imparzjali, u kull nuqqas fl-investigazzjoni li jippregudika l-kapacita` taghha <u>li tistabbilixxi c-cirkostanzi tal-kaz</u> jew li tidentifika l-persuna jew persuni responsabbli jista' biss inaqqas mill-effettivita` taghha. B'hekk ukoll fis-sentenza fl-ismijiet **Case of Nachova and Others v. Bulgaria**[11], il-Qorti Ewropea sostniet:

---

[10] Appl.1108/02 deciz 5 Novembru 2009
[11] App. Nru. 43577/98 u 43579/98, 6 ta' Lulju, 2005.

> "112. For an investigation into alleged unlawful killing by State agents to be effective, the persons responsible for and carrying out the investigation must be independent and impartial, in law and in practice …"[12]

44. Spjanat it-terren legali, din il-Qorti issa ser tghaddi ghall-konsiderazzjoni ta' dan l-aggravju fil-meritu. Bazikament l-intimati jserrhu l-ilment taghhom fuq il-fatt li, skont huma, l-ewwel Qorti ma tatx id-debita importanza lill-fatt li l-investigazzjonijiet qed isiru fl-amibitu ta' Inkjesta Magisterjali fejn allura l-investigazzjonijiet ikunu qed isiru bis-sorveljanza tal-istess magistrat li jaghti garanzija ta' indipendenza u imparzjalita`. Huma komplew jispjegaw hekk din il-parti tal-aggravju:

> "Illi gialadarba l-investigazzjoni qieghdha ssir that il-kappa ta-Magistrat Inkwerenti li huwa l-Magistrat Inkwirentili qieghed jiddelineja dak li ghandu jsir mill-Ispetturi u li jixtarr l-evidenza li qieghdha tingabar u jitlob kull informazzjoni kemm mill-esperti li inhatru kifukoll mill-Ispetturi u li kulhadd qieghed jirrapporta direttament lill-Magistrat Inkwirenti allura wiehed isaqsi kif setghet qatt l-ewwel Qorti issib li hemm vjolazzjoni tal-Artikou 2 tal-Konvenzjoni Ewropea? illi s-sistema nostrana fejn l-investigazzjoni qieghda tigi mmexxija minn magistrat Inkwirenti hija fiha nifisha garanzija ta' investigazzjoni effikaci, imparzjali u indipendenti u dan stante li l-figura tal-Magistrat toffri tali garanziji. Illi huwa l-istess Magistrat Inkwirenti li qieghed jisma' lill-persuni li jahseb li jisghu jghinu fl-investigazzjoni u ghalhekk is-sorveljanza effettia u efficjenti tal-investigazzjoni certamen t li qieghdha ssir mill-Magistrat Inkwirenti."

45. Din il-Qorti tibda billi tirrileva li irrispettivament minn jekk l-inkjesta maghmula mill-Magistrat Inkwirenti hijiex separata mill-investigazzjonijiet li jaghmlu l-pulizija fuq l-istess kaz il-pozizzjoni legali hi li, malli jigi informat il-magistrat tal-ghassa li sehh reat li ghalih il-ligi timponi li ssir inkjesta magisterjali, dak il-Magistrat jordna li issir inkjesta

[12] Ara wkoll ECHR, *Case of* **Kolevi v. Bulgaria**, deciza 5 ta' Novembru, 2009, App. nru. 1108/02, para. 193.

magisterjali u, wara li jaghmel l-access u jahtar l-esperti necessarji, jikkonduci l-inkjesta bil-poteri moghtija lilu bil-ligi skont id-dispozizzjonijiet tal-Kodici Kriminali, fosthom li jisma' xhieda u jordna li jittressqu xhieda li fil-fehma tieghu huma relevanti ghall-inkjesta, kif ukoll jiehu il-mizuri sabiex jigu prezervati l-provi dokumentali u provi ohra materjali, inkluzi dawk elevati waqt l-access magisterjali.  F'dan ir-rwol il-Magistrat Inkwirenti huwa assistit mill-pulizija li tghaddilu l-informazzjoni kollha li tkun irrizultat mill-investigazzjoni u li tkun relevanti ghall-inkjesta magisterjali.  L-assistenza tal-pulizija fl-inkjesta magisterjali hija krucjali ghax huma l-pulizija li ghandhom ir-rizorsi materjali sabiex jinvestigaw u jiksbu l-informazzjoni li tista' twassal ghar-rizoluzzjoni tal-kaz u dawn ghandhom l-obbligu li jghaddu din l-informazzjoni lill-Magistrat Inwkirenti sabiex dan jipprezerva l-prova u jidderigi ulterjorment it-tmexxija tal-inkjesta.  Jigi senjalat pero` li, tenut kont tal-fatt li fil-prattika l-operat tal-Magistrat Inkwirenti jiddependi kwazi kompletament fuq l-informazzjoni li tghaddilu l-pulizija, l-element tal-imparzjalita` kemm soggettiva kif ukoll oggettiva, ghandu jezisti wkoll fil-persuna, f'dan il-kaz id-Deputat Kummissarju, li tkun qed tmexxi b'mod attiv investigazzjoni li tkun qed taghmel il-pulizija, u dan sabiex kemm jista' jkun jigi eskluz id-dubbju li l-pulizija abbuzivament naqset mill-tghaddi certu informazzjoni lill-Magistrat Inkwirenti b'rizultat li certu linja ta' investigazzjoni li kellha issir fil-fatt tibqa' ma ssirx.

46. Fid-dawl tal-premess, din il-Qorti tosserva wkoll li s-sottomissjoni li l-possibilita` li l-Kummissarju tal-Pulizija jew l-Avukat Generali ma jkunux qablu mal-konkluzjonijiet tal-Magistrat Inkwirenti, ma jnaqqax xejn mill-imparzjalita` li biha tkun tmexxiet l-inkjesta, u ghalhekk hija rrilevanti ghal vertenza in diamina.

47. Stabbilit li l-element tal-imparzjalita` ghandu jkun apparenti anke fid-Deputat Kummissarju li ghandu rwol principali fit-tmexxija tal-investigazzjoni odjerna, din il-Qorti issa ser tezamina jekk tezistix il-bazi fattwali tat-tezi tar-rikorrenti li l-fatturi indikati minnhom fil-konfront tieghu humiex tali li, jew separatament jew kollettivament, iwasslu sabiex tigi imminat serjament l-element tal-imparzjalita` oggettiva li hu wiehed mir-rekwiziti sabiex il-kondotta tieghu tkun konformi mad-dettami tal-Artikolu 2 tal-Konvenzjoni.

48. Ir-rikorrenti jsostnu li fil-kaz odjern tezisti nuqqas ta' imparzjalita oggettiva rikjesta mill-Artikolu 2 rizultat tal-fatt li d-Deputat Kummissarju Silvio Valletta kien is-soggett ta' kritika harxa minn naha tal-vittma talli, skont kif allegat minnha, huwa bhala membru tal-F.I.A.U. naqas milli jinvestiga rapport li kien jinvolvi investigazzjoni ta' Ministru u persuni ohra li jahdmu vicin it-tmexxija tal-gvern prezenti, liema kritika estendiet ukoll ghal martu li ghandha kariga ministerjali u li ghalhekk, skont ir-

rikorrenti, hemm riluttanza da parti tal-istess Deputat Kummissarju sabiex jinvestiga il-kontenut tar-rapport.

49. Fl-ewwel lok din il-Qorti tosserva li l-ilment tar-rikorrent ma jirrigwardax dik il-parti tal-investigazzjoni li permezz taghha l-pulizija hasset li gabret provi sufficjenti sabiex tressaq tlett persuni l-qorti akkuzati bl-omicidju tal-vitma u li kienu l-ezekkuturi tad-delitt. Rigward din il-parti tal-investigazzjoni ma sar ebda ilment anke ghaliex l-investigazzjoni kienet fruttifera u ghalhekk zgur li mhux il-kaz li fir-rigward jigu riveduti *"l-atti u d-decizjonijiet gja' mehuda fl-investigazzjoni"* kif ordnat fis-sentenza appellata.

50. L-ilment tar-rikorrenti huwa dirett lejn dik il-parti tal-investigazzjoni li ghadha ghaddejja u li ghandha l-ghan li tiskopri l-mandanti tal-ezekkuturi tad-delitt. Huma jsostnu li dan kien qtil politiku u allura mhux eskluz li l-mandant jew mandanti huma nies gejjin mill-kamp politiku u anke f'livell gholi tal-gvern. Kif xehed id-Deputat Kummissarju, hadd mhu eskluz, u ghalhekk lanqas ma hija eskluza martu li ghandha kariga ministerjali u lanqas hu mhu eskluz.

51. Rigward din il-parti tal-investigazzjoni li ghadha pendenti, din il-Qorti taqbel mal-ewwel Qorti u mar-rikorrenti li, ir-rwol tad-Deputat Kummissarju bhala membru fl-F.I.A.U li qed jigi allegat li naqset li tibda

tinvestiga rapport li wasal ghandha u li fih allegatament[13] jissemmew nies f'karigi gholija fil-gvern, inkluz dik ministerjali rigwardanti allegat hasil ta' flus, maghdud mal-fatt li l-mara tal-istess Deputat Kummissarju ghandha kariga ministerjali u allura jista' jghati l-kaz li l-investigazzjoni tehtieg li testendi ghal uhud minn dawn il-persuni, dawn l-allegazzjonijiet jimminaw serjament l-element tal-imparzjalita` oggettiva da parti tal-istess Deputat Kummissarju minhabba konflitt ta' interess bejnu u bejn ir-rwol tieghu bhala l-persuna lil qed imexxi b'mod attiv l-investigazzjonijiet tal-pulizija fir-rigward.

52. Fid-dawl tal-premess din il-Qorti tosserva li bil-prezenza tad-Deputat Kummissarju fl-investigazzjoni sabiex jigi identifikat il-mandant jew mandanti tal-assassinju, il-fatturi fuq indikati jistghu ragjonevolment f'mohh ic-cittadin jaghtu lok ghal dubju serju dwar jekk l-investigazzjoni saritx b'mod imparzjali u b'mod shih. Din il-konsiderazzjoni tassumi aktar qawwa jekk l-investigazzjoni fir-rigward ikollha ezitu negattiv fis-sens li l-mandant jibqa' ma jigix identifikat. Dan igib mieghu konsegwenzi u kritika negattivi, kemm fir-rigward tal-eredi tal-vittma li jhossuhom li gew traduti mill-istituzzjonijiet kompetenti tal-pajjiz, kemm fir-rigward tar-reputazzjoni ta' pajjizna tenut kont tal-fatt notorju li f'dan il-kaz il-qtil ta' gurnalista jqajjem furur negattiv fil-pajjizi tal-Unjoni Ewropea, fil-konfront ta' Malta, kemm fir-rigward tac-cittadin ordinarju li

[13] Kopja ta' dan ir-rapport m'huwiex in atti u ghalhekk din il-Qorti ma tistax tivverifika il-veracita` ta' din l-allegazzjoni.

ezitu negattivi jista' jiggenera fih element ta' rabbja u ta' sfiducja fl-istituzzjonijiet, kif ukoll fl-istess Deputat Kummissarju u martu li tenut kont li l-investigazzjoni kellha ezistu negattiv, jibqghu jigorru maghhom f'ghajnejn ic-cittadini d-dubju li l-investigazzjoni ma saritx bil-ghaqal u b'mod imparzjali, integru u shih, u dan minkejja li in effetti l-investigazzjoni tkun saret b'dak il-mod.

53. Ghaldaqstant dan l-aggravu huwa fondat limitatament u qed jintlaqa' f'dik il-parti fejn l-ewwel Qorti ordnat li jergghu jigu ezaminati l-atti u d-decizjonijiet mehuda mis-sostitut tad-Deputat Kummissarju, filwaqt li qed jigi michud ghall-kumplament fil-limiti tal-konsiderazzjonijiet premessi jigifieri ghal dik il-parti tal-investigazzjoni li ghandha pendenti u li ghandha l-ghan li tidentifika l-mandat jew mandanti tar-reat kommess.

*L-ewwel u t-tielet aggravju [nuqqas ta' applikabbilita` tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni u nuqqas ta' ksur tal-istess Artikolu].*

54. Fl-ewwel lok din il-Qorti tosserva li ma taqbilx mal-appellanti li l-ewwel Qorti naqset milli tiddeciedi l-eccezzjoni taghhom ta' nuqqas ta' applikabbilita` tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni. Kif jirriulta car, mill-Paragrafi 44 sa 53 tas-sentenza appellata, l-ewwel Qorti fehmet sew l-eccezzjoni tal-appellanti u trattata debitament. Inoltre, l-ilment tal-

intimati li din *ad validitatem* kellha tigi deciza f'kap separat fil-parti dispozittiva ma tirrizultax mil-ligi.

55. Izda, fil-kaz odjern din il-Qorti ma ssibx li sar ksur tad-dritt ghas-smiegh xieraq kif protett mill-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni. Fir-risposta tal-appell taghhom, ir-rikorrenti jispjegaw il-posizzjoni taghhom fir-rigward kif gej:

> "… l-argument tal-esponenti huwa li jekk ma hemmx assigurazzjoni li l-investigazzjoni tal-Pulizija tkun wahda indipendenti, dan il-fatt jista' jwassal sabiex il-mandanti wara l-omicidju tal-omm u l-mara tal-esponenti qatt ma jinstabu u, b'hekk, l-esponenti jkunu prekluzi milli jfittxu lill-istess ghad-danni naxxenti mir-reat. B'hekk il-vjolazzjoni tal-Artikolu 2 naxxenti minn investigazzjoni li mhijiex indipendenti tista' twassal ghal vjolazzjoni tal-Artikolu 6 fis-sens illi l-esponenti ma jkollhomx access effettiv ghall-Qorti, haga garantita mill-istess Artikolu 6."

56. Din il-Qorti tosserva li dak li jirrikjedi l-Artikolu 2 tal-Konvenzjoni hu li l-Istat iwettaq investigazzjoni effettiva [bhal "means"] fil-kaz ta' qtil li tkun kapaci twassal ghall-identita` tal-persuna jew persuni responsabbli, izda dan ma jfissirx li tali investigazzjoni biex tkun serja u effettiva ghandha bil-fors tkun ta' success. Il-Qorti Ewropea fil-kaz **Case of Brecknell v. The United Kingdom**[14] taghmilha cara li l-Artikolu 2 ma jaghtix id-dritt lill-eredi tal-vittma li bilfors ghandha titressaq persuna akkuzata bid-delitt jew li dik il-persuna tinstab hatja, u jekk l-investigazzjoni ma taghtix rizultati sodi jew taghti biss rizultati limitati, dan wahdu ma jwassalx ghall-konkluzjoni li dan kien dovut ghal

[14] App. 32457/04, 27 ta' Novembru, 2007.

nuqqasijiet serji fl-investigazzjoni sal-grad li jwasslu ghall-ksur protett bl-Artikolu 2. Kif osservat il-Qorti Ewropea fl-imsemmi kaz:

> "There is no obsolute right however to obtain a prosecution or conviction *(e.g.* **Szula v. the United Kingdom**, *cited above)* and the fact that an investigation ends without concrete, or with only limited, results is not indicative of any failings as such. The obligation is of means only (**Avsar v Tukey**, no 25657/94 …)"[15].

57. Fil-kaz odjern, bl-allegazzjoni taghhom ta' ksur tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni r-rikorrenti qeghdin jassumu li l-investigazzjoni ghandha necessarjament twassal ghall-identifikazzjoni tal-mandanti tal-persuni li tressqu quddiem il-Qorti Tal-Magistrati (Bhala Qorti Istruttorja) akkuzati bil-qtil ta' Daphne Caruana Galizia, fost affarijiet ohra, izda kif anke ritenut mill-Qorti Ewropea L-Artikolu 2 tal-Konvenzjoni ma jaghti l-ebda dritt li l-investigazzjoni ghandha bilfors twassal sabiex titressaq persuna jew li l-istess tigi kkundannata. Id-dritt jirrigwarda biss il-procedura tal-investigazzjoni[16] u l-obbligu tal-Istat huwa wiehed ta' procedura u mhux necessarjament ta' rizultat, b'mod li l-investigazzjoni, ghalkemm tkun saret b'mod effettiv, billi tkun stabbiliet cirkostanzi li huma relevanti u importanti, xorta wahda f'dak l-istadju l-mandanti ma kienux ghadhom gew identifikati. Fi kliem il-Qorti Ewropea fil-kaz *Mazepa "the*

[15] Ibid para.66. Dan il-paragrafu jkompli jfisser li "However as in this case, it may be that some time later, information purportedly casting new lighti on the circumstances of the death comes into the public dodmain. The issu then arises as to whether, and in what form the procedural obligation to investigate is revived."

[16] Ara wkoll **Mazepa and Others v. Russia**, App. Nru. 15086/07, 17 ta' Lulju, 2018, para. 74.

*procedural obligation under Article 2 of the Convention is not an obligation of results but of means..”*[17]

58. Din il-Qorti tosserva li, galadarba l-obbligazzjoni procedurali rikjesta mill-Artikolu 2 mhux necessarjament twassal sabiex jigu identifikati l-mandanti u ghalhekk jista' jkun li dawn qatt ma jigu identifikati, l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni ma jistax jigi legalment invokat f'dan l-istadju. Ma jistax wiehed jargumenta li qed jigi lez id-dritt tieghu ghal smiegh xieraq minhabba li l-Istat qed icahhdu mill-identita` tal-mandanti tal-qtil meta l-obbligu tal-Istat ikun gie sodisfatt b'investigazzjoni konkreta shiha u metikolu, izda xorta wahda ma tkunx waslet ghall-indentifikazzjoni tal-mandanti. Kif osservat il-Qorti Ewropea fil-kaz *Mazepa*, *“The domestic authorities' scrutiny in the case concerning a contract killing must aim to go beyond identification of a hitman and it is incumbent on the court to satisfy itself that the investigation ..has addressed this important point.”* Izda l-fatt li ma jigix jew ma jkunx ghadu gie identifikat il-mandant tar-reat u li dan il-fatt ma jkunx rizultat ta' *“absence of genuine and serious investigative measures taken with a view to identifying the intellectual author of the crime”*[18] ma jwassalx necessarjament ghall-vjolazzjoni tal-obbligu tal-Istat stipulat fl-Artikolu 2.

---

[17] Ibid para 74

[18] *Mazepa* [Supra]

59. Ikkonsidrat il-premess, fil-kaz odjern ghalkemm giet riskontrata vjolazzjoni tal-Artikolu 2 tal-Konvenzjoni abbazi ta' nuqqas ta' imparzjalita` oggettiva, s'issa ma giex muri li l-investigazzjoni u l-mizuri li ttiehdu sabiex jigu identifikati il-mandanti tad-delitt huma monki a tenur tal-istess artikolu konvenzjonali, u ghalhekk din il-Qorti ma tistax taqbel mal-ewwel Qorti u mal-aggravju tal-intimati li f'dan il-kaz u f'dan l-istadju huwa applikabbli l-Artikolu 6 kif imfisser mir-rikorrenti.

60. Ghaldaqstant u fil-limiti tal-konsiderazzjonijet premessi l-ewwel u t-tielet aggravji huma gustifikati u qed jigu milqugha.

61. Fid-dawl ta' dawn l-osservazzjonijiet, il-qorti tikkonsidra li, filwaqt li jirrizulta li r-rikorrenti appellanti sofrew ksur tad-dritt ghall-hajja kif sancit fl-Artikolu 2 tal-Konvenzjoni, huma ma sofrew l-ebda ksur tad-dritt taghhom ghal smiegh xieraq kif sancit fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni.

Decide

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti tiddisponi mill-appell billi: tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-ewwel Qorti sabet ksur tal-Artikolu 2 tal-Konvenzjoni u ordnat li l-intimat Deputat Kummissarju Silvio Valletta jiddesisti milli jkompli b'xi mod jippartecipa fl-investigazzjonijiet in dizamina; u tirrevoka s-sentenza appellata f'dik il-parti fejn sabet ksur

tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni u fejn ordnat li kull att u decizjoni gia' mehuda mill-istess fl-investigazjonijiet *de quo* jigu ri-ezaminati mis-sostitut tal-istess Deputat Kumissarju fl-istess investigazzjonijiet.

L-ispejjez tal-ewwel istanza jigu sopportati bejn il-partijiet in kwantu ghal zewg terzi [2/3] mill-intimati u r-rimanenti terz [1/3] mir-rikorrenti; l-ispejjez tal-appell jigu sopportati mill-partijiet in kwantu ghal zewg terzi [2/3] mir-rikorrenti u r-rimanenti terz [1/3] mill-intimati.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Azzopardi<br>Prim Imhallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imhallef | Noel Cuschieri<br>Imhallef |

Deputat Registratur
rm